## INTI BISS

*Int biss twieġeb ħelu,*
*Ilsien Art twelidi,*
*għall-ħeġġa li tixgħel lil talbi,*
*għas-sejħa ta' qalbi*
*kull meta tfur bl-imħabba u tkun trid tfisser*
*b'kelma ħanina,*
*b'kelma għażiża,*
*dak kollu li nħoss jien u kif nixtieqU*
*joħroġ mill-kenn ta' mħabbti.*

*Le, jien ma nistħix minnek;*
*u nħossni mkabbar bik għax int ferraħtni*
*meta bil-kliem li tajtni*
*— li sar biċċa minn demmi —*
*farraġt lill-maħqurin, lill-qlub imjassra,*
*widdibt, rażżant bil-ħlewwa*
*biex nifred qlub li ma jistgħux jinħabbu;*
*inti ferraħtni*
*meta bil-kliem li tajtni*
*insiġt mill-ġdid fil-ferħ għal bosta drabi*
*qlub mifrudin li darba kienu żżewġu*
*u ħalfu lil xulxin imħabba għal dejjem*
*quddiem l-Altar.*

*Int biss taf tgħaqqadni*
*ma' Alla l-Imbierek li jħobbni.*
*U meta nkun waħdi quddiemu,*
*u nkellmu bik, fis-skiet tal-kamra tiegħi,*
*inħoss il-kliem għaddej minn qalbi għal Qalbu*
*bi ħleuwa ta' bla tarf,*
*bl-ikbar sinċerita'.*
*U ferħ bla qies ingarrab*
*għax f'dak il-ħin 'sabiħ jiena nistħajjel*
*li nisma' Lilu wkoll qed ikellimni*
*bl-Ilsien ta' Art twelidi.*

DUN FRANS CAMILLERI